MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2010

Numru 1516/2007

**PULIZIJA**
**SPETTUR MARIO TONNA**
**SPETTUR NEZREN GRIXTI**
**VS**
**MARTIN DALLI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Martin Dalli ta’ 49 sena mwieled il-Furjana nhar l-1 ta’ Dicembru 1958, iben il-mejjet Carmel u Julia nee’ Borg u kien joqghod gewwa 39 Pjazza Robert Sammut Floriana u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 788358(M).

Illi huwa akkuzat talli nhar is-6 ta’ Dicembru 2007, gewwa triq it-Tromba, Marsa, fil-hinijiet ta’ bejn ta’ 6:00p.m. u 8:00p.m., bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b’atti esterni, billi dolozament bil-hsieb li jikkommetti omicidju jew li jqieghed il-hajja f’perikolu car ta’ MaryRose Dalli u Shawn Dalli mill-Isla ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt,

liema tentattiv ta' omicidju ma sehhx minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu, u dan ai terminu ta' l-Artikoli 41(a), 211 (1) u (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess lok, data, hin taht l-istess cirkostanzi u matul dawn l-ahhar gimghat kien fil-pussess ta' arma tan-nar (pistola) u munizzjon, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u dan ai terminu ta' l-Artikoli 3, 4 u 5 tal-Kapitolu 480 u Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess lok, data, hin taht l-istess cirkostanzi u matul dawn l-ahhar gimghat kien fil-pussess ta' strument li jaqta' u bil- ponta minghajr licenzja tal-Pulizija ta' Malta u dan ai terminu ta' l-Artikolu 6 u 8 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 64 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba illi tordna il-konfiska tal-vettura HBE 746 ta' l-ghamla Toyota Vitz, il-pistola, il-munizzjon u l-istrument imsemmi fl-akkuzi aktar 'il fuq bhala parti formanti mill-*corpus delicti* u dan ai terminu ta' l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l- artikoli elenkati mill- Avukat Generali taht liema artikoli din il- Qorti tista ssib htija fl- imputat;

Rat il- verbal tal- 5 ta Ottubru, 2009 ( fol 156) fejn l-imputat ma kellux oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat (fol.169 fil-verbal datat 1 ta' Marzu, 2010);

Semghet il-konferma ta’ l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l -imputat, Martin Dalli, ammetta ghal- akakuzi kollha dedotti fil- konfront tieghu. Illi din il-Qorti rat illi mart l-imputat u ibnu fil-fatt hafru lill-imputat fil- mori tal- kawza (ara ix- xhieda ta’ Mary Rose Dalli u Shaun Dalli tal-5 ta’ Ottubru tal-2009).

Illi jirrizulta mix-xhieda prodotta mid-Difiza u cioe mit-testimonjanza ta’ Dr. Mario Vella illi l-imputat huwa marid serjament, in fatti kellu zewg attakki qawwija ta’ puplesija u li t-tieni attakk halla lill-imputat b’dizabilita’ fizika konsiderevoli. Dr. Vella kkonferma illi l-imputat kien isoffri minn diabete qawwija u li kellu diversi komplikazzjonijiet inkluz nuqqas ta’ cirkolazzjoni fir-riglejn, fil-qalb u fil-mohh.

Illi in vista ta dana kollu u fuq l- istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lil imputat hati skond l- akkuza u wara li rat l-artikolu 41 (1) (a), 218, Artikolu 28 A Kap 9, Artikolu 3, 4, 5, 6, 8, tal- Kap 480 tikkundanna lil imputat ghal- sentejn prigunerija sospizi ghal- 4 snin, tichad it talba tal-prosekuzzjoni ghal- konfiska tal- vettura HBE – 746 stante li din il- vettura tappartjeni lil terzi u tordna r- rilaxx taghha, izda tordna il- konfiska tal- pistola u munizzjon ezebiti in atti.

In oltre l- Qorti tordna l- hrug ta’ Protection Order kontra l-imputat u favur mart l- imputat Mary Rose Dalli u favur

iben l- imputat Shaun Dalli ghal- perjodu ta’ tlett snin b’dana li l- imputat m’ ghandux ikellem, javicina jew jimmolesta lil martu u m’ ghandux jimmolesta lil ibnu Shaun, a tenur tal- Artikolu 412 C Kap 9 u dana wara li l- Qorti hadet in konsiderazzjoni l- materji elenkati fl- Artikolu 412 C (4) Kap 9.

Din il- piena giet akkordata wara li l- Qorti hadet in konsiderazzjoni l- ammissjoni ta’ l- imputat, l- eta’ anzjana tieghu, d- disabilita’ tieghu u l- qaghda imwergha tas-sahha tieghu, l- fatt illi martu u ibnu hafru lil imputat u l-fedina penali ta’ l- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------